ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 17 IT-TNEJN 3 TA' GUNJU 2013**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 2013 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax il-Kunsillier)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Charles Farrugia.

Il-Kunsilliera Jason Busuttil, Antoine Saliba Haig u Sean Meli infurmaw li ma setgħux jattendu minħabba li ma kienx jiflaħ u minħabba mpenji ta' ezamijiet rispettivament.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**17/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 17**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 17 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** izda ressqet mozzjoni biex issir korrezzjoni dwar 16/02/04 billi ssir addenda li taqra hekk:

*"Is-Sindku Rosianne Cutajar irrispondiet li r-raġunijiet li wassluha għad-deċizjoni tagħha li s-Sur Jesmond Aquilina jitneħħa minn fuq il-Bord tal-Infrastruttura kienu minħabba l-attitudni mhux aċċettabbli tiegħu fil-konfront tal-applikanti li ġew intervistati u minħabba li huwa sostna quddiem terzi persuni li "d-deċizjonijiet teħodhom is-Sindku waħidha."*

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tliet Kunsilliera (03) (Rosianne Cutajar, Charles Farrugia, Bjorn Azzopardi); Kunsillier Wieħed (1) (Jesmond Aquilina)** vvota kontra u **erbgħa (4)** kunsilliera (Ralph Puli, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Robert Cremona) astjenew.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** xtaq jiddikjara f'isem il-Kunsilliera li jirraprezentaw lill-Partit Nazzjonalita, li huma astjenew mhux fuq il-kontenut tal-korrezzjoni *per se*, izda fl-ispirtu li tinzamm l-għaqda fil-Kunsill.

**Il-Kunsilllier Bjorn Azzopardi** xtaq jiddikjara li huwa ddizapuntat li l-Vici-Sindku ma ressaqx mozzjoni dwar korrezzjoni ohra li semma fid-diskussjoni ghaliex huwa kellu intenzjoni li jivvota favur dik il-mozzjoni wkoll li izda baqghet ma tressqitx.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 16 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 2013, minuti kif korretti hawn fuq.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgħa (7) Kunsilliera;** Ħadd ma vvota kontra; **Kunsillier Wieħed (1) (Jesmond Aquilina)** astjena.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 17 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**17/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita' li nżammet nhar it-Tnejn 14 ta' Mejju 2013, li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Robert Cremona** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgħa (7) Kunsilliera;** Ħadd ma vvota kontra; **Kunsillier Wieħed (1) (Jesmond Aquilina)** astjena.

**Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina skuża ruħu mill-laqgħa fis-7.30pm.**

**17/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**17/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li persuna bniet ħajt fi Triq Lydda / Triq il-Poezija peress li qed tgħid li din il-parti tat-triq hija proprjeta tagħha. Is-Sindku kompliet li l-Pulizija ħadet passi legali u s-seduta ser tinstema' fil-11 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tittehed azzjoni legali ta' spoll halli jitnehha dan il-hajt li nbena abbuzivament.

**17/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li fil-laqgħa li saret mal-Kummissarju tal-Pulizija l-ġdid inġibdet l-attenzjoni dwar bzonn ta' pulizija tat-traffiku fil-*peak hours* f'postijiet strateġiċi minħabba d-devjazzjonijiet tat-traffiku f'toroq arterjali relatati max-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq Manwel Dimech. Is-Sindku kompliet li inġibdet ukoll l-attenzjoni dwar il-problema ta' trailers ipparkjati f'zoni residenzjali, kif ukoll dwar problemi oħrajn relatati mal-infurzar lokali.

**17/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li x-xogħol relatat mal-Heritage Trail ser jibda fil-ġimgħa ta' wara fejn ser jinbeda billi jinbiddlu xi ħitan tas-sejjieħ u jsiru l-passaġġi bil-konkos.

**17/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt mal-għaqdiet tan-nar għandu jiġi ffirmat qabel is-seduta' tal-Kunsill li jmiss jew dik sussegwenti f'kaz li d-dokumenti jkunu għadhom mhux lesti. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jinfurma lill-Kunsilliera dwar meta jkun ser isir dan l-iffirmar.

**17/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill wara li l-Kunsill kien iddeċieda fis-seduta preċedenti biex isir *facebook* uffiċjali tal-Kunsill bħala *noticeboard* biss, is-Sindku hija infurmata li dan il-*facebook* għalissa ma jistax isir peress li ma jagħtix faċilita' biex ikun bħala *noticeboard* biss. Meta din il-faċilita' issir possibli, dan il-*facebook* ikun jista' jsir.

**17/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li twaħħlu zewġ noticeboards sponsorjati minn Banif Bank. Waħda twahhlet fejn il-latrina ta' Triq San Sebastjan u l-oħra ħdejn Ġnien iż-Żgħożija. Intant, il-Kunsill ħa deċizjoni biex f'dawn in-noticeboards, jeħlu biss avvizi tal-Kunsill u/jew avvizi ta' attivitajiet oħrajn li jkollu sehem fihom il-Kunsill biss.

## 17/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' MEJJU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Mejju 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Mejju 2013
**b)** *Bank Payments* Mejju 2013.
**c)** *Petty Cash* Mejju 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Sebgħa** Kunsilliera (7) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

## 17/04 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU

**17/04/01** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq din il-mistoqsija lis-Sindku:

Fiex wasal il-progett ta' *open-governance* tal-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi? Fost ohrajn dan kellu jinkludi apparat li jipprovdi l-laqghat tal-Kunsill Lokali onlajn ghar-residenti Qriema.

Ir-risposta tas-**Sindku Rosianne Cutajar** kienet din:

Peress li ġie mħabbar li ser toħroġ skema mill-Gvern dwar l-*open governance*, qed nistennew li toħroġ din l-iskema qabel ma nkomplu bl-installazzjoni tal-*online streaming* biex inkunu ċerti li s-sistema tkun skont il-kriterji li ser toħroġ l-iskema, ħalli nkunu nistgħu niffinanzjaw din is-sistema mill-istess skema.

## 17/05 MOZZJONIJIET

**17/05/01** **MOZZJONI – 64-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia** iressaq il-mozzjoni tiegħu, fejn xtaqet tirrimarka li fis-seduta preċedenti kienet diġa sostniet dwar il-bzonn li l-Kunsill għandu jinvesti f'Websajt ġdida:

*"Il-Kunsilli Lokali għandhom ikunu ta' vuċi u tarka għaċ-ċittadin u dan billi fuq kollox jinfurmaw lir-residenti bid-drittijiet u d-dmirijiet tagħhom. B'dan il-mod il-Kunsill Lokali jkun qed jersaq iktar qrib taċ-ċittadin u r-residenti jħossuhom iktar parti integrali mill-ħidma tal-Kunsill Lokali.*

*Għaldaqstant nemmen li għandu jsir revamp tas-sit elettroniku uffiċjali tal-Kunsill Lokali. Dan sabiex inkomplu ntejbu s-servizz li diġà qed noffru u jkollna servizz ta' kwalita' aħjar għar-residenti.*

*Dan il-proġett nixtieq norbtu ma dak tal-Paġna Uffiċċjali tal-Facebook, li fl-aħħar seduta tressqet mozzjoni dwarha. Nemmen li dawn iż-żewġ proġetti għandhom jitħaddmu id f'id ħalli b'hekk inwasslu u nkomplu nżommu kuntatt siewi mar-residenti.*

*Is-sit elettroniku flimkien mal-Paġna Uffiċċjali tal-Facebook għandhom:*

1. *Jagħmluha faċli biex ir-residenti jżommu ruħhom infurmati*
2. *Jagħtu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-laqgħat tal-Kunsill Lokali, sotto-kumitati, working groups eċċ...*
3. *Idealment ikunu l-ewwel pjattaforma fejn jittellgħu avviżi uffiċċjali (u mhux jittellgħu minn xi kunsillier partikolari, qabel ma jkunu nfurmati l-kunsilliera l-kollha)*

*B'dan il-mod se nsaħħu l-ħidma t-tajba, fejjieda u effettiva b'risq il-familji tagħna f'lokalitajiet aktar siguri, f'ambjent fejn uliedna, iż-żgħażagħ tagħna, il-ġenituri u l-anzjani tagħna jilħqu l-milja tagħhom u jħossuhom parti minn familja kbira, li fil-lokalità hi l-komunità."*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar issekondat din il-mozzjoni.**

**Ivvutaw Favur Sebgħa (07) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni fejn għandhom jiġu mħajjra studenti fl-informatika sabiex jagħmlu din il-websajt.**

**17/05/01 MOZZJONI – 64-2013(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li l-kuntratt tal-Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku wasal biex jiskadi, qed ninnomina lil dawn il-kunsilliera biex ikunu parti mill-Bord tal-Aggudikazzjoni ghas-sejha tal-offerta ghas-servizz ta' tabelli u sinjali tat-traffiku:*

*Sindku Rosianne Cutajar – Chairperson*

*Ralph Puli– Vici-Chairperson*

*Sean Meli – Membru*

*Antoine Saliba Haig - Membru*

*Jerome Caruana Cilia – Membru"*

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sebgħa (07) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**17/06 RAPPORTI**

**17/06/01 ABBOZZ TAD-DOKUMENT TAL-OFFERTA : TABELLI U SINJALI TAT-TRAFFIKU:**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-abbozz tal-offerta tal-manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku peress li l-kuntratt prezenti wasal fit-terminu tiegħu.

**DOK'B'**

Il-Kunsill approva *nem.con* dan l-abbozz u qabel unanimament sabiex is-sejħa tiġi ppubblikata minnufih.

**17/06/02 ITTRA TA' DIREZZJONI TAL-AWDITUR U R-RISPOSTA TAL-KUNSILL**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq l-ittra ta' direzzjoni tal-awditur u abbozz tar-riposta tal-Kunsill ghal din l-istess ittra.

**DOK 'C'**

Il-Kunsill innota l-punti kollha li għamel l-awditur u ħa azzjoni kif imsemmi fir-risposta tal-Kunsill. **DOK 'D'**

Il-Kunsill approva unanimament ir-risposta tal-Kunsill għall-ittra ta' Direzzjoni, li ġiet iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**17/06/03 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GHALL-EWWEL KWART TAS-SENA**

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ressaq ir-rapport finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena, li jaghlaq fil-31 ta' Marzu 2013.

**DOK 'E'**

Wara li l-Kunsilll iddiskuta dan ir-rapport, il-Kunsill approva b'mod unanimu dan ir-rapport finanzjarju.

**17/07 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F 1-7'**

1. Korrispondenza mingħand *Direttorat tal-Lifelong Learning* infurmat lill-Kunsill li din is-sena l-Kunsill jista' japplika ghal numru ta' korsijiet biex jigu organizzati mill-Kunsill. Il-Kunsill applika biex isiru dawn il-korsijiet: Spanjol (Livell 2), Franċiz (Livell 2), Malti u Ingliz (livell baziku), *Energy Initiatives at Home, Drama for Personality Development, Understanding Child Development, Fireworks Process and Safety, Photography, Sign Language, Curtain Making and Soft Furnishing, Beauty Care, Animal Welfare, Lace Making, How Parents can help Children with Homework, Maltese Cultural and Heritage*.

2. Stedina minn Gal Xlokk dwar skema ta' fondi ghall-progetti ta' Community Support for Children. Il-Kunsill qabel nem.con sabiex jipprovdi tagħlim u sapport wara l-ħin tal-iskola u jalloka s-somma ta' Eur1,000 bħala co-finanzjament mill-Kunsill.

3. Ittra mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar għajnuna mill-Kunsill ghall-attivita' li ser jagħmlu fil-21 ta' Ġunju. Il-Kunsill iddeċieda li ma jilqax it-talba peress li l-fondi għal din is-sena diġa ġew allokati u peress li din l-attivita' mhux qed tesponi lill-lokalita' fuq livell nazzjonali.

4. Ittra mill- Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar diversi punti relatati mat-tmexxija tal-Kunsill fir-rigward ta' għaqdiet lokali oħrajn. Il-Kunsill innota din il-korrispondenza u għandu jirrispondi lill din l-għaqda fuq kull punt li ssemma, fejn izda għandha ssir enfazi li l-Kunsill mhuwiex kuntent bil-piki parrokjali li qed ikun hemm bejn l-għaqdiet.

5. Kwotazzjoni mill-artist (A. Camilleri Cauchi) li għamel il-monument ta' Guze Ellul Mercer sabiex ikun jista' jagħmel il-manutenzjoni/ restawr ta' dan l-istess monument, għall-prezz ta' Eur 1400. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni li bilfors trid issir b'ordni diretta peress li l-monument irid jiġi rranġat mill-artist li għamlu. Il-Kunsill rrimarka li dan ix-xogħol irid ikun lest sal-aħħar ta' Awissu peress li fl-1 ta' Settembru se ssir kommemorazzjoni.

6. Talba għal *no objection* tal-Kunsill biex isir monument tal-bronz ghal Tony, Nazzarenu u George Borg fi Ġnien iz-Zebbuġ. Il-Kunsill approva unanimament li jagħti n-*no objection* sakemm dan il-monument jkun *life-size*, tal-bronz u l-applikant jassigura li l-manutenzjoni tiegħu jibqa' fir-responsabbilta' tiegħu.

7. Korrispondenza mill-Għaqda Muzikali San Ġorġ Martri sabiex il-kumplament tal-flus tal-kuntratt, allokati għall-Iskola ta' Muzika li ma tnefqux fis-sena 2012 jkunu trasferiti għas-sena 2013. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**17/08 INFORMAZZJONI**

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li kien hemm rispons tajjeb ħafna ghall-kompetizzjoni li kien nieda l-Kunsill fl-okkazjoni ta' Jum Hal Qormi. Il-Kunsill qabel li s-Sur Kenneth Busuttil, Maria Garrugia u Loredana Theuma jiffurmaw parti mill-bord ta' aġġudikazzjoni biex jintgħazlu l-aħjar sottomissjonijiet.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** informa lill-Kunsill li hemm bzonn li jsir tindif tal-*culverts* ħdejn iċ-Ċentru San Bastjan u fi Triq il-Ħammieri. Il-Kunsill għandu jieħu azzjoni.

**17/09 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 8 ta' Lulju 2013 fil-6:30 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:35 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar<br>Sindku

Kenneth Brincat<br>Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2013.
(Jum) (Data) (Xahar)